



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.6.2025
COM(2025) 290 final

ANNEX 12

ANNESS

tal-

**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat
Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Reġjuni**

L-Istat tad-Deċennju Diġitali 2025: Inkomplunibnu s-sovranità u l-futur diġitali tal-UE

{SWD(2025) 290 final} - {SWD(2025) 291 final} - {SWD(2025) 292 final} -
{SWD(2025) 293 final} - {SWD(2025) 294 final} - {SWD(2025) 295 final}

RAPPORTI QOSRA TAL-PAJJIŻI 2025

Il-Ġermanja

Sommarju eżekuttiv

Il-Ġermanja tkompli teċċella f'oqsma relatati mal-iżvilupp ta' teknoloġiji avvanzati, bħas-semikondutturi u n-nodi periferiċi. Madankollu, il-pajjiż għadu lura milli jipprovdi servizzi pubbliċi diġitali, għandu ħiliet diġitali baxxi, u kopertura mhux kompluta tan-network b'kapaċità għolja. Dan jenfasizza l-ħtieġa ta' miżuri aktar iffukati, li jkomplu wkoll jagħtu spinta lill-adozzjoni tat-teknoloġiji diġitali min-negozji.

Il-Ġermanja turi livell sostanzjali ta' ambizzjoni fil-kontribut tagħha għad-Deċennju Diġitali, b'disa' miri nazzjonali, li 89 % minnhom huma allinjati mal-miri tal-UE għall-2030. Il-pajjiż qed isegwi t-trajettorji tiegħu sew b'75 % minnhom jinsabu fit-triq it-tajba (meta jitqiesu trajettorji tal-2024 definiti għal erba' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs, key performance indicators) minn tmienja analizzati). Il-Ġermanja indirizzat 33 % tat-12-il rakkomandazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni fl-2024 billi għamlet xi bidliet permezz ta' miżuri ġodda.

Il-Gvern Federali l-ġdid tal-Ġermanja assuma l-kariga fil-bidu ta' Mejju 2025. Il-ftehim ta' koalizzjoni tal-gvern jiddeskrivi miri ambizzjużi għall-politika diġitali u d-diġitalizzazzjoni, u l-enfasi fuq il-politika diġitali hija riflessa mill-[Ministeru Federali għad-Diġitalizzazzjoni u l-Modernizzazzjoni tal-Gvern](#) li għadu kif ġie stabbilit. Dan il-ftehim ta' koalizzjoni jista' jirriżulta f'diġitalizzazzjoni aċċellerata tal-Ġermanja, u b'hekk jikkontribwixxi għall-oġġettivi tad-Deċennju Diġitali.

KPI tad-Deċennju Diġitali ⁽¹⁾	Il-Ġermanja				UE		Mira tad-Deċennju Diġitali sal-2030	
	DESI 2024 (is-sena 2023)	DESI 2025 (is-sena 2024)	Progress annwali	Trajettorja nazzjonali 2024 (3)	DESI 2025	Progress annwali	DE	UE
Kopertura tan-Network Fiss b'Kapaċità Għolja Ħafna (VHCN)	74,7 %	77,4 %	3,5 %	-	82,5 %	4,9 %	100,0 %	100 %
Kopertura tal-Fibra sal-Lokal (FTTP)	29,8 %	36,8 %	23,4 %	-	69,2 %	8,4 %	100,0 %	-
Kopertura ġenerali tal-5G	98,1 %	99,1 %	0,9 %	-	94,3 %	5,9 %	100,0 %	100 %
Nodi Periferiċi (stima)	358	652	82,1 %	-	2 257	90,5 %	-	10 000
SMEs bi mqar livell bażiku ta' intensità diġitali (2)	-	79,9 %	1,6 %	-	72,9 %	2,8 %	91,0 %	90 %
Cloud	38,5 %	-	-	-	-	-	-	75 %
Intelliġenza Artifiċjali	11,6 %	19,8 %	71,0 %	-	13,5 %	67,2 %	-	75 %
Analitika tad-data	37,1 %	-	-	-	-	-	-	75 %
IA jew Cloud jew Analitika tad-data	58,0 %	-	-	-	-	-	-	75 %
Unikorns	67	69	3,0 %	-	286	4,4 %	-	500
Imqar ħiliet diġitali bażiċi	52,2 %	-	-	-	-	-	80,0 %	80 %
Speċjalisti fl-ICT	4,9 %	5,3 %	8,2 %	4,9 %	5,0 %	4,2 %	5,3 %	~10 %
Notifika tal-iskema tal-eID		Iva						
Servizzi pubbliċi diġitali għaċ-ċittadini	75,8	78,9	4,1 %	75,8	82,3	3,6 %	100,0	100
Servizzi pubbliċi diġitali għan-negozji	78,6	77,5	-1,4 %	78,6	86,2	0,9 %	100,0	100
Aċċess għar-rekords tas-saħħa elettronika	87,0	87,0	0,0 %	100,0	82,7	4,5 %	100,0	100

(1) Ara n-nota metodoloġika għad-deskrizzjoni tal-indikaturi u metriċi oħra

(2) L-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (DESI, Digital Economy and Society Index) 2025 jirrapporta l-verżjoni 4 tal-Indiċi tal-Intensità Diġitali, li huwa komparabbli mal-valur tad-DII mid-DESI 2023 (li jirreferi għas-sena 2022) għall-kalkolu tal-progress annwali. Ma huwiex komparabbli mat-trajettorja nazzjonali li hija bbażata fuq il-verżjoni 3 tal-indiċi.

(3) Il-valur tat-trajettorja nazzjonali jekk preżenti fil-pjan direzzjonali nazzjonali u jekk l-indikatur tkejjel fid-DESI2025 (sena 2024)

Skont l-Ewrobarometru Speċjali “Digital Decade 2025”, 74 % ta’-ċittadini Ġermaniżi jidherilhom li d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi u privati ta’ kuljum qed tagħmlilhom haġġithom aktar faċli. Fir-rigward tal-azzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi, 88 % jqisu li huwa importanti li tiġi miġġielda u mmitigata l-kwistjoni tal-aħbarijiet foloz u tad-diżinformazzjoni online, u fir-rigward tal-kompetittività, 82 % jqisu li huwa importanti li jiġi żgurat li l-kumpaniji Ewropej ikunu jistgħu jikbru u jsiru “Champions Ewropej” li jkunu jistgħu jikkompetu globalment.

UE kompetittiva, sovrana u reżiljenti abbażi ta’ tmexxija teknoloġika

Il-Ġermanja qed tagħmel passi sinifikanti fl-espansjoni tal-infrastruttura tal-konnettività tagħha, bil-kopertura tal-5G kważi tilħaq il-mira tad-Deċennju Diġitali, u mira nazzjonali ambizzjuża għal 100 % tal-Fibra sal-Lokal (FTTP, fibre-to-the-premises) sal-2030. Il-pajjiż huwa mexxej fin-numru ta’ nodi periferiċi u qed jieħu passi proattivi fit-teknoloġiji tal-computing kwantistiku u tas-semikondutturi. Filwaqt li diversi miżuri, b’mod partikolari għall-FTTP, huma mistennija li jipprovdu riżultati dalwaqt, il-Ġermanja għadha qed tiffaċċja sfidi. Qiegħda lura mill-oġġettivi ta’ konnettività f’gigabit tad-Deċennju Diġitali u qed issibha diffiċli biex taċċessa networks b’kapaċità għolja ħafna (VHCN, Very High-Capacity Networks) f’żoni rurali, fejn il-kopertura hija taħt il-medja tal-UE. Barra minn hekk, id-disponibbiltà tal-FTTP hija limitata għal frazzjoni biss ta’ unitajiet domestiċi, li tirrappreżenta nofs il-kopertura medja tal-UE. Għalkemm il-Ġermanja kważi kisbet kopertura tal-5G sħiħa, l-użu reali bbażat fuq is-SIM cards tal-5G għadu dgħajfef. Minkejja l-għadd relattivament kbir ta’ unicorns, għad hemm lok biex tittejjeb id-disponibbiltà tal-finanzjament għall-istart-ups u biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi tagħhom.

Protezzjoni u għoti tas-setgħa lin-nies u s-soċjetà tal-UE

Il-Ġermanja qed tiffaċċja sfidi sinifikanti fl-iżvilupp tal-ħiliet diġitali, billi kisbet biss titjib modest f’dan il-qasam. Il-gvern Ġermaniż qed jagħmel passi f’diversi oqsma, iżda għadu lura f’xi aspetti ewlenin. Dan mhux biss ifixkel l-użu tas-servizzi diġitali, iżda jillimita b’mod effettiv ukoll il-kapaċità tal-forza tax-xogħol li tuża d-data biex ittejjeb is-servizzi tan-negozju. Din il-kwistjoni hija partikolarment rilevanti minħabba li, skont ir-Rapport Ġermaniż tal-Pajjiż tal-2024, l-adozzjoni tal-IA mill-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju (SMEs, small and medium-sized enterprises) ġiet imfixkla mill-ħiliet limitati f’dan il-qasam. Minkejja dan, l-awtoritajiet Ġermaniżi għażlu li ma jintroduċux miżuri sostanzjali ġodda fil-pjan direzzjonali nazzjonali, u minflok jippreferu jippermettu li l-inizjattivi eżistenti jieħdu r-rotta tagħhom.

Il-Ġermanja għandha t-tendenza li tara dawn l-isfidi permezz ta’ lenti usa’, billi tieħu approċċ olistiku aktar milli tindirizza kull metrika individwalment. Dan il-metodu huwa rifless f’diversi aspetti, bħall-pjanijiet tal-Ġermanja li żżid l-għadd ta’ speċjalisti tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT, information and communication technologies). Madankollu, għad hemm lok konsiderevoli għal titjib, speċjalment fl-użu tal-identifikazzjoni elettronika u d-diġitalizzazzjoni ulterjuri tas-servizzi pubbliċi. Dawn id-diskrepanzi jridu jiġu indirizzati biex jittieħed vantaġġ sħiħ mill-opportunitajiet ippreżentati mix-xenarju diġitali li qed jespandi u biex jiġi żgurat li l-Ġermanja tibqa’ kompetittiva u innovattiva fix-xena globali.

Nisfruttaw it-trasformazzjoni diġitali għal ekoloġizzazzjoni intelliġenti

Il-Ġermanja tagħti prijorità lit-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali u tkompli timplimenta miżuri ewlenin kemm fil-livell federali kif ukoll f’dak tal-Istat. Il-popolazzjoni Ġermaniża taqbeż il-medja tal-UE fir-riċiklaġġ tal-elettronika, bħal kompjuters, telefowns, u tablets, għalkemm ir-rati ġenerali ta’

riċiklaġġ għat-tagħmir tal-teknoloġija tal-informazzjoni (IT, information technology) għadhom relattivament baxxi.

Pjan direzzjonali strateġiku nazzjonali tad-deċennju diġitali

Fil-21 ta' Diċembru 2024, il-Ġermanja ppreżentat pjan direzzjonali nazzjonali rieżaminat għad-Deċennju Diġitali, li jindirizza r-rakkomandazzjonijiet mir-Rapport tal-Pajjiż tal-2024. Il-pjan direzzjonali rieżaminat inkluda konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati. Huwa magħmul minn 50 miżura b'baġit ta' EUR 102,1 biljun, li jinkludu EUR 46,8 biljun mill-baġits pubbliċi (ekwivalenti għal 1,09 % tal-prodott domestiku gross (PDG)). Żdiedu miri ġodda għall-ispeċjalisti fl-ICT u għad-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi għaċ-ċittadini u għan-negozji.

Ir-rieżami jgħib miegħu impulsi fuq il-kwantum, l-IA u l-konnettività, kif ukoll jimmira diversi objettivi f'miżuri usa'. Madankollu, il-pjan direzzjonali aġġustat jista' jagħmel aktar biex jindirizza l-isfidi fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi għaċ-ċittadini u għan-negozji.

Finanzjament u proġetti għad-diġitali

Il-Ġermanja talloka 48 % tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza totali tagħha għad-diġitali (EUR 13,3 biljun)¹. Barra minn hekk, skont il-politika ta' koeżjoni, EUR 2,2 biljun, li jirrappreżentaw 11 % tal-finanzjament totali tal-politika ta' koeżjoni tal-pajjiż, huma ddedikati għall-avvanz tat-trasformazzjoni diġitali tal-Ġermanja². Il-Ġermanja tipparteċipa direttament fil-Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni dwar il-Mikroelektronika u t-Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni (IPCEI-ME/CT, Important Project of Common European Interest on Microelectronics and Communication Technologies) u fl-IPCEI dwar l-Infrastruttura u s-Servizzi tal-Cloud tal-Ġenerazzjoni li jmiss (IPCEI-CIS, IPCEI on Next Generation Cloud Infrastructure and Services). Hija wkoll membru parteċipanti tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (EuroHPC JU, European High Performance Computing Joint Undertaking) u tal-Impriża Konġunta taċ-Ċipep³.

Il-Ġermanja kkontribwiet għall-Aċċelleratur tal-Aħjar Prattika⁴ billi kkondividiet diversi aħjar prattiki fir-raggruppament "Ħiliet Diġitali" kif ukoll fir-raggruppament "Adozzjoni tan-Negozju". F'dan il-kuntest, ta' min jinnota s-Suq tal-Opportunitajiet tal-IA (MaKi) u l-I-Programm Federali tal-IPv6.

Drittijiet u prinċipji diġitali

Skont studju ta' appoġġ, il-Ġermanja kienet relattivament attiva fl-implimentazzjoni tad-[Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali](#), b'74 inizjattiva b'kolloxx u bi tliet inizjattivi ġodda mnedija fl-2024. Il-Ġermanja hija l-aktar attiva fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ u l-ħiliet diġitali. Għet identifikata inqas attività fir-rigward tat-tqegħid tan-nies fiċ-ċentru tat-trasformazzjoni diġitali. Il-miżuri

¹ Is-sehem tal-allokkazzjonijiet finanzjarji li jikkontribwixxu għall-objettivi diġitali għie kkalkolat skont l-Anness VII tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. L-aħħar aġġornament tad-data: is-16 ta' Mejju 2025.

² Dan l-ammont jinkludi l-investiment kollu mmirat speċifikament għat-trasformazzjoni diġitali jew li jikkontribwixxi sostanzjalment għaliha fil-perjodu tal-programmazzjoni tal-Politika ta' koeżjoni 2021-2027. Il-fondi sors huma l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta.

³ Rettifika għar-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali, il-Ġermanja 2024: Il-Ġermanja ma hijiex membru tat-Tewmin Diġitali Lokali lejn CitiVERSE EDIC.

⁴ L-Aċċelleratur tal-Aħjar Prattika (BPA, Best Practice Accelerator) hija pjattaforma li tippermetti lill-Istati Membri jikkondividu miżuri u sfidi ta' suċċess li jiltaqgħu magħhom fl-isforzi tagħhom biex jilħqu l-miri u l-objettivi tad-Deċennju Diġitali tagħhom. L-aħjar prattiki jsiru disponibbli għall-Istati Membri permezz ta' pubblikazzjoni fir-Repożitorju tal-BPA u jintwerew f'workshops regolari, li bħalissa huma ffukati fuq tliet raggruppamenti tematiċi: Il-Ħiliet Diġitali, l-IT Ekoloġika, u l-Adozzjoni tat-Teknoloġiji Diġitali.

fil-qasam tal-libertà tal-għażla jidhru li għandhom l-akbar impatt fuq il-post, b'kuntrast għal dawk li jindirizzaw is-sikurezza, is-sigurtà u l-għoti tas-setgħa.

Rakkomandazzjonijiet

- **Servizzi pubbliċi diġitali:** Tħaffef id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi ewlenin billi s-servizzi pubbliċi addizzjonali jsiru disponibbli online, ittejjeb l-interoperabbiltà, kif ukoll id-diġitalizzazzjoni front-end u back-end.
- **eID:** Tniedi miżuri mmirati biex tiżgura l-adozzjoni u l-użu tal-eID.
- **Speċjalisti fl-ICT:** Tniedi miżuri mmirati biex iżżid l-attrazzjoni tad-dixxiplini tax-xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika (STEM, science, technology, engineering and mathematics) fl-iskola biex tagħti spinta lill-għadd ta' żgħażaġh, inklużi bniet u nisa, interessati li jibdew studji jew karrieri relatati mat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT, information and communication technologies).
- **Fiġliet diġitali bażiċi:** Ittejjeb l-effettività tal-miżuri eżistenti u tevalwa jekk humiex meħtieġa aktar sforzi u/jew miżuri addizzjonali b'mod partikolari fil-qasam tal-edukazzjoni formali.
- **Infrastruttura tal-konnettività:** Tħaffef l-introduzzjoni tal-infrastruttura ta' networks diġitali b'kapaċità għolja ħafna, speċjalment il-fibri ottiċi.
- **Unicorns/start-ups:** Timplimenta miżuri biex ittejjeb l-aċċess għall-finanzjament u tnaqqas il-piżijiet amministrattivi.
- **Ċibersigurtà:** Iżżid l-isforzi fiċ-ċibersigurtà, b'mod partikolari billi żżid is-sensibilizzazzjoni fost l-entitajiet privati u pubbliċi.